# Corpus Domini

# Il-Ġisem u d-Demm ta' Sidna Ġesu' Kristu

# - 14 ta' Ġunju 2020 -

*"La l-ħobża hi waħda, aħna, li aħna ħafna, aħna ġisem wieħed."*



## Ħinijiet ġodda tal-quddiesa



MARSASKALA PARISH

# ĦINIJIET QUDDIES

| | | | |
|---|---|---|---|
| **MATUL IL-ĠIMGĦA** | **7:00AM** | fil-knisja | |
| | **7:45AM** | fil-knisja | |
| | **6:30PM** | fil-knisja | |
| **IS-SIBT** | **7:45AM** | fil-knisja | |
| | **6:30PM** | fuq iz-zuntier | |
| | **7:30PM** | fuq iz-zuntier | |
| | **8:30PM** | fuq iz-zuntier | |
| **IL-ĦADD** | **6:30AM** | fuq iz-zuntier | |
| | **8:00AM** | fuq iz-zuntier | |
| | **9:00AM** | fuq iz-zuntier | |
| | **6:30PM** | fuq iz-zuntier | |
| | **7:30PM** | fuq iz-zuntier | (bl-Ingliż) |

Jekk Alla jrid minn dan il-weekend li ġej se jkollna l-opportunita’ biex ninġabru flimkien bħala komunita’ nisranija u niċċelebraw l-Ewkaristija flimkien.

Dawn huma l-ħinijiet ġodda tal-quddies li se jibda jiġi ċċelebrat fil-parroċċa tagħna min-nhar is-Sibt 13 ta’ Ġunju filgħaxija ‘l quddiem bir-restrizzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet tas-saħħa. Dawn il-ħinijiet jibqgħu fis-seħħ sakemm ma jkunx avżat mod ieħor.

Għal dawk li ma jistgħux jingħaqdu magħna għal xi raġuni jew oħra jkun hemm **trasmissjoni live tal-quddiesa kuljum fuq TVM2 u fuq il-paġna ta’ facebook tal-Arċidjoċesi** fil-ħinijiet tas-soltu.

Filwaqt li nitolbu l-koperazzjoni ta' kulħadd, inkomplu nitolbu għal xulxin f'dan iż-żmien.

---

# Avviżi

**Festa tal-Ġisem u d-Demm ta’ Sidna Ġesù Kristu**
Illum niċċelebraw il-festa tal-Ġisem u d-Demm ta’ Sidna Ġesù Kristu. Wara l-quddiesa tad-9:00am ser issir purċissjoni b’Ġesù Ewkaristija li tgħaddi minn dawn it-toroq; Pjazza Dun Tarċis, Triq La Sengle, Triq il-Bużbież, Triq San Ġwakkin, Pjazza Dun Tarċis u Triq Dun Frans Bianco. Inħeġġu lir-residenti sabiex joħorġu quddiem id-dar tagħhom u nagħtu qima pubblika lil Ġesù Ewkaristija.



### Ordinazzjoni Presbiterali ta' Fr Mario Mercieca

Il-Ġimgħa 19 ta' Ġunju 2020, Fr Mario Mercieca, djaknu minn Għawdex li s-sajf li għadda ta' servizz fil-Parroċċa tagħna ser jiġi ordnat saċerdot minn Mons. Mario Grech. Bħala Parroċċa nawgurawlu u nitolbu għalih.






# Liturġija tad-Dar fil-Familja



“Il-Ħobż li jiena nagħti.”

Il-Ġisem u d-Demm ta' Ġesu' 2020

---

## Ħinijiet tal-Quddies f'Malta




Hawn tista' ssib il-ħinijiet tal-Quddies skont il-Parroċċa. Mur fis-sit https://quddies.knisja.mt/

---

## Riżorsi għat-tfal

# Festa tal-Ġisem ta' Kristu - Riflessjoni




Riflessjoni minn Fr Martin Cilia MSSP